**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 63/15 AL

**AB**
**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Awissu 2000 (Ara Dok A) anness u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom separati legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat id-29 ta' Lulju 2008 (Ara Dok B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jghixux flimkien ghal

dawn l-ahhar erba’ (4) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut lill-partijiet reciprokament stante illi ai termini tal-Art 3 tal-kuntratt ta separazzjoni huma rrinunzjaw ghal tali dritt;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara illi hija ma topponix ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi pporonunzjat il-hall taz-zwieg;

Illi hija taqbel illi miz-zwieg in kwistjoni ma twieldux tfal u anke minhabba f’hekk ma kien hemm dovut l-ebda manteniment;

Illi pero stante li l-pesuna li tat lok ghall-firda kienet ir-rikorrent hija umilment tissottometti illi m’ghandhiex tbati spejjez ta’ dawn il-proceduri. Fil-fatt it-tifrik taz-zwieg gie kkawzat minhabba zewg ragunijiet. L-ewwel raguni kienet illi r-rikorrent wara li zzewgu stqarr ma riedx tfal, kundizzjoni inaccettabbli ghall-esponenti. It-tieni raguni kienet illi r-rikorrent ikkommetta adulterju u ta’ dan l-esponenti ghandha l-provi. Sabiex pero tevita proceduri twal ta’ separazzjoni hija kienet xorta wahda accettat li tiftiehem li tissepara bonarjament;

Illi minhabba f’dan qed jigi sottomess bir-rispett illi l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Lulju 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.